MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2006

Avviz Numru. 480/2005

**Giovanni Sinagra ID No 0022734(M)**

**Vs**

**Salvinu Grech ID No 809655(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tal-bilanc ta' erbat elef u sitt mitt lira Maltin (Lm4,600) rapprezentanti bilanc minn somma akbar li l-attur kien selef lill-konvenut liema bilanc il-konvenut ma hallasx minkejja li kien interpellat diversi drabi u baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota tal-konvenut a fol 15 tal-atti kif ukoll dak verbalment a fol 20 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-18 ta' Settembru 2006 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' Lm4600.00,0 bl-imghax legali mill-hamsa (5) ta’ Settembru 2005 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------